

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 138/2007

tas-26 ta' Ottubru 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistipula r-rekwiżiti għall-iġjene ta' l-għalf ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru. 183/2005 iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/69/KE ⁽³⁾ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 98/51/KE ⁽⁴⁾, li huma mdaħħla fil-Ftehim u li konsegwentament għandhom jiħassru mill-Ftehim.
- (4) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 31l (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/677/KE):

"31m. **32005 R 0183:** Ir-Regolament (KE) Nru. 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistipula r-rekwiżiti għall-iġjene ta' l-għalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 18:

'5. Għall-Istati EFTA d-data msemmija fl-Artikolu 18 (1) u (2) għandha tkun xahrejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorpora r-Regolament (KE) Nru 183/2005 fil-Ftehim taż-ŻEE."

2. It-test ta' punti 31b (id-Direttiva tal-Kunsill 95/69/KE;) u 31ba (id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/51/KE;) għandu jiħassar.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 fil-lingwi Iżlandiża u Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 47, 21.2.2008, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 35, 8.2.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 332, 30.12.1995, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 208, 24.7.1998, p. 43

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007, skond liema hi l-aħħar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSEN

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.